Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2010

Numru. 1009/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**
**KONTRA**

**ALBERT CUTAJAR**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Albert Cutajar ta’ 33 sena, bin Joseph u Marianne nee’ Camilleri, mwieled Pieta’ nhar 12 ta' Lulju 1977, residenti Danal, Triq il- Bahrija, Zabbar u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 379877M;

Li gie imressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Nhar il- 21 ta’ Settembru 2010 ghal- habta ta’ 04.15hrs, gewwa l- parking arean tal- MFCC gewwa Ta’ Qali limiti tar- Rabat, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara fuq vettura tal- marka Toyota Vitz bin- numru tar-registrazzjoni BBO 459, liema hsara tiskorri l- €116.47 izda mhux il- €1,164.70 ghad- dannu ta’ Lara Grech minn San Gwann;

2) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il- bon ordni jew il- kwiet tal- pubbliku b’ ghajjat u glied;

3) Ukoll talli fl- istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghamel griehi ta’ natura hafifa fuq il- persuna tal- istess Lara Grech kif gie iccertifikat minn Dr. V. Buhagiar mic- Centru tas- Sahha tal- Furjana;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu, zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti m’ghandhiex triq ohra hlief li ssib htija fih u tghaddi minnufih ghas-sentenza

fil-konfront tieghu. Jirrizulta li dan kien incident fejn il-buon sens gie skartat temporanjament, u l-irjus shan hadu s-sopravvent. L-imputat infexx f'rabja u qabad ikisser il-vettura ta' Lara Grech, kif ukoll ikkagunalha feriti hfief. Hu, izda, induna bl-izball tieghu u mal-ewwel talab skuza u ghamel tajjeb ghall-hsarat maghmula minnu. Il-parti leza, ladarba kien intlahaq ftehim civili mal-imputat, irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali. Ghalhekk, tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma tarax ghalfejn ghandha tkun iebsa b'mod eccessiv mal-imputat, li ma jidherx xi wiehed li jxellef difrejh mal-ligi kif gibe u lahaq. Ghalhekk il-piena sejra tkun dik ta' sanzjoni fil-komunita'.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 325 (b), 338 (dd) u 221 (1) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------